# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Hamis 10 ta' Mejju 2001

**Numru: 30**
**Citaz. numru: 690/01/RCP**

**Il-Prokuratur Legali Madeleine Firman bhala mandatarja specjali fl-isem u in rapprezentanza tas-socjeta` kummercjali estera Matthey & CIE S.A.**

**vs**

**Is-socjeta kummercjali TMT Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni attrici li bih l-attrici nomine ppremettiet:

Illi s-socjeta' konvenuta ghandha taghti lis-socjeta` attrici s-somma ekwivalenti fl flus maltin ghal *pounds sterling* wiehed u ghoxrin elf, tlett mija sitta u sittin liri inglizi u tnejn u disghin *pence* inglizi (GBP21,366.92) rappresentanti bilanc ta' prezz ta' *stainless stell tubes* mibjugha u konsenjata mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta, kif jidher mir-rendikont datat dsatax (19) ta' April, sena elfejn u wiehed (2001) (kopja hawn annessa u markata bhala Dokument 'LP1');

Illi ghalkemm is-socjeta` konvenuta giet interpellata mis-socjeta` attrici sabiex thallas l-ammont dovut, s-socjeta` attrici xorta baqat inadempjenti ghalkemm minn naha taghha mhijiex qed tinkontesta Ii l-ammont rikjamat huwa dovut minnha lis-socjeta` attrici;

Illi fil-fehma tas-socjeta' attrici, dan id-dejn huwa veru, cert, likwidu u dovut u s-socjeta` konvenuta ma ghandhiex eccezzjonijiet xi ggib ghat-talba ta' hlas tas-socjeta' attrici;

Illi, ghalhekk dan jaghti d-dritt lis-socjeta' attrici tipprocedi kontra socjeta` konvenuta bi procediment sommarju specjali kif provdut fl-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif fil-fatt qeghdha taghmel;

L-istess attrici nomine talbet li s-socjeta` konvenuta tghid ghaliex m'ghandhiex dina l-Qorti:

1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ghat-tenur tal-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u

2. Tikkundanna, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ekwivalenti fi flus maltin al *pounds sterling* wiehed u ghoxrin elf, tlett mija sitta u sittin liri inglizi u tnejn u disghin *pence* inglizi (GBP21,366.92) dovuti mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici ghar-ragunijiet premessi.

BI-ispejjez u bl-imghaxijiet kummercjali u mid-dati tal-fatturi rispettivi sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tal-attrici;

Rat in-nota tas-socjeta` konvenuta li biha ammettiet it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta` konvenuta, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta ippruvata.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fuq ammissjoni tas-socjeta` konvenuta, **tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici** kif dedota fic-citazzjoni b'dan illi:

2. Tikkundanna, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ekwivalenti fi flus maltin al *pounds sterling* wiehed u ghoxrin elf, tlett mija sitta u sittin liri inglizi u tnejn u disghin *pence* inglizi (GBP21,366.92) dovuti mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kummercjali u mid-dati tal-fatturi rispettivi sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta' konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**10 ta' Mejju, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**10 ta' Mejju, 2001**